# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar it-8 ta' Mejju, 2024

Avviz tat-Talba numru: 324/2023 CL

**Emanuel Delicata and Sons Ltd ( C28292)**

**VERSUS**

**Water Waves Limited (C98829)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-11 ta' Settembru 2023 fejn s-socjeta attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi ikkundanata thallas is-somma ta' elf, seba' mija u hamsa u sebghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€1,775.81), liema somma tirrapprezenta bejgh ta' prodotti li gew ordnati mis-socjeta konvenuta stess. Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1639/23 u l-ittra ufficjali bin-numru 1821/23 flimkien mal-imghax.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, is-socjeta konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha (jew xi difensur ghaliha) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Fil-kaz prezenti, s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, is-socjeta konvenuta la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti u, lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghha sabiex isseh kontestazzjoni tal-pretiza socjeta attrici fl-udjenzi sussegwenti. Tali socjeta konvenuta ghalhekk, kienet fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza tal-21 ta' Frar, 2024.

Fil-konfront ta' l-imsemmija socjeta konvenuta gie prezentant kapitolu mis-socjeta attrici waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2024[1]. Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva, tal-10 ta' April 2024, peress li s-socjeta konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu. Fl-istess seduta semghet lil Duncan Cachia,li huwa financial controller ma' Emanuel Delicata Wine Maker, jixhed fl-10 ta' April 2024, fejn ikkonferma li s-socjeta konvenuta kellha thallas kont ta' €1775.81. Dan kien bhala bilanc ta' erba' invoices fi trading account fl-ammont ta' €318.51, skond Dok DC1 u bilanc fil-loan account fl-ammont ta. €1457.30  skond Dok DC2. Ghalhekk it-talba giet sodisfacentament ipprovata.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad fid-decizjoni in re **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**[2] illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici  u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' elf, seba' mija u hamsa u sebghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€1,775.81), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mill-11 ta' Settembru 2023[3] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[1] Kapitolu a fol. 18
[2] Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998
[3]Data tal-kawza odjerna stante li ma gietx ipprezentata kopja legali tal-ittra ufffucjali